dawl frangiskan

LEHEN
IL-KAPUĊĊINI
MALTIN

48
GUNJU
1985



Editorjal:

RIKONĊILJAZZJONI U PENITENZA (Ir-Raba' Parti)

THE FRANCISCAN CYCLE OF PAINTINGS ATTRIBUTED TO GIOTTO AT THE UPPER BASILICA OF ST. FRANCIS OF ASSISI (Part Six)

MULEJ, JIEN HAWN

IL-ĦIDMA APOSTOLIKA TAL-KONFESSUR FID-DAWL TA' L-EŻORTAZZJONI "RECONCILIATIO ET PAENITENTIAE"

IL-FIDI FIL-QAWMIEN

MISSJONI TA' MĦABBA

MIN HU GESU'?

30. JIENA QIEGĦED MAGĦKOM IL-JIEM KOLLHA SA TMIEM IŻ-ŻMINIJIET Mt. 28: 20

Meta Kristu bagħat għall-aħħar darba lill-Appostli ħalli jgħallimu lil kull nisel ta' nies, qabel ma tala' s-sema, wegħednom li jibqa' magħhom il-jiem kollha sa tmiem iż-żminijiet: sa l-aħħar tad-dinja.

Mill-Evanġelju naf ħafna min kien Kristu elfejn sena ilu; iżda issa, illum, fid-dinja ta' żmienna, Kristu għadu dak kollu li kien elfejn sena ilu? Jekk dak iż-żmien kien qabel Abraham, illum għadu? Jekk kien ġej minn fuq, u l-Iben t'Alla, illum għadu? Jekk kien il-Ħobż tal-Ħajja, id-Dawl tad-dinja, it-Triq, is-Sewwa, il-Ħajja, id-Dielja, ir-Raġħaj it-Tajjeb u l-Qawmien mill-mewt, illum għadu hekk Kristu? Kristu huwa Alla, u bħala Alla ma jinbidilx: jekk dak iż-żmien kien hekk, għadu hekk illum ukoll. La wegħedna li jibqa' magħna, kellu jibqa' magħna kif kien dak iż-żmien li wegħedna. Fid-dinja tal-lum, għalkemm reġa' hawn ħafna li m'humiex jagħrfuh, Kristu għadu l-Iben t'Alla, għadu l-Bidu u l-Għajn ta' kull ħajja, għadu l-Ħobż tal-ħajja, għadu d-Dawl tad-dinja, għadu t-Triq, is-Sewwa, il-Ħajja, id-Dielja, ir-Raġħaj it-Tajjeb, il-Qawmien mill-mewt. Bħalma emmnu fih hekk, in-nies ta' dak iż-żmien, nista' nemmen fih hekk, jien ukoll: għax il-Ħobż tal-ħajja għadu Kristu, għax it-Triq li twassalni għand il-Missier, għadha Kristu: għax is-Sewwa li tgħallimni, għadha Kristu, għax il-ħajja li tgħajjixni, għadha Kristu; għax ir-Raġħaj li jieħu ħsiebi, għadu Kristu, għax Kristu għadu dak li jrid iqajjimni mill-mewt.

Kristu, kif kien dak iż-żmien, għadu miegħi issa, u jibqa' hekk miegħi il-jiem kollha ta' ħajti. Kif għadu miegħi issa Kristu? F'tagħlimu; fil-Knisja tiegħu; fis-Sagramenti, l-aktar dak tat-Tqarbin, fejn qiegħed kollu kemm hu bil-Ġisem, bid-Demm u b'kulma hu: f'ħuti l-bnedmin; fil-ħolqien kollu. Kristu għadu miegħi: Kristu jibqa' miegħi: Qed inħossu miegħi lil Kristu? Jekk qed ngħix kif għallimni hu, għandi nħossu miegħi. Jekk qed immur għandu ħalli niftaħ qalbi miegħu dejjem u f'kollox, għandi nħossu miegħi. Jekk qed inqisu għalija bħala Dawl, Triq, Sewwa u Ħajja, għandi nħossu miegħi; u jekk inħossu miegħi jien, nista' ngħiegħel lill-oħrajn iħossuh magħhom huma wkoll: għax Kristu qiegħed miegħi daqskemm qiegħed ma' l-oħrajn. Kristu qiegħed ma' kulħadd: qiegħed ma' kulħadd il-jiem kollha sa tmiem iż-żminijiet. Minkejja li ħafna m'humiex iħossuh li qiegħed magħhom, li ħafna ma jridux iħossuh li qiegħed magħhom, li ħafna ma jriduhx magħhom, Kristu hawn qiegħed: ma' kulħadd u għal kulħadd, dejjem u f'kollox.

Għaliex Kristu qiegħed miegħi? Għaliex jaf li mingħajru ma nista' nagħmel xejn; ħalli jgħinni, u jdawwalna, u jmexxlni, u jgħallimni, u jgħajjixni, u jgħinni nitqaddes u nitħejja għas-saltna ta' Missieru, ħalli qajjimni mill-mewt fl-Aħħar Jum, u jimlieli qalbi b'fer ħ li ħadd ma jkun jista' jeħoduli, ħalli jdaħħalni fis-saltna ta' Missieru għal dejjem. Għalhekk Kristu għadu miegħi, għalhekk jibqa' miegħi il-jiem kollha sa tmiem iż-żmenijiet, sa ma ntemm ħajti ta' did-dinja.

Għalkemm ħafna m'humiex jagħrfu li Kristu qiegħed magħna, jien m'għandix ningibed magħhom: għax emmint fi Kristu, li qiegħed dejjem kullimkien; għax naf il-wegħda tiegħu li jibqa' miegħi u lil Kristu neħtieġu miegħi, għax jekk ma jkunx miegħi hu, ma nistax nasal biex inkun ma' Missieru għal dejjem.

Lawrenz Briffa, kapuċċ'n

GOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY
Bishop
MEK
8936
6/02
(DATE)

Editur
Responsabbli:

fr. Philip Cutajar

Kunvent tal-Kapuċċini

Kalkara

Malta

Tel: 825724

Għajnuna f'Offerti:

★ Abbonament Regulari
Lm2.00c

★ Abbonament Sostenitur
Lm3.00c

Stamperija:

CharVin Press & Co. Ltd.
Factory 191,
Industrial Estate,
Luqa.
Tel: 784381/2.

DAWL FRANGISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

IL-ĦAMES SENA — GUNJU 1985 — NRU. 48.

(Ir-Raba' Parti)

Rikonciljazzjoni u Penitenza

Il-parti li dwarha jmissna nitkellmu llum hija dik li tolqot il-gravita' tad dnub. Hawnhekk il-Papa fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu 'Reconciliatio et Paenitentia' jżomm id-distinzjoni tradizzjonali bejn dnubiet mejta u dnubiet venjali. Dwar dan it-tagħlim il-Papa jislet il-provi tiegħu mil-Kitbiet tal-Kotba Mqaddsa kemm mit-Testment Antik kif ukoll minn kliem Kristu nnifsu. Ġesu' nnifsu jitkellem minn dnubiet li jġibu magħhom "il-mewt ta' dejjem".

FID DAWL TAD-DUTTURI TAL-KNISJA

Minbarra l-Iskrittura Mqassa l-Papa jikkwota wkoll lil Santu Wistin li l-kitbiet tiegħu fuq dan is-suġġett huma mħaddna mill-awtorita' tal-Knisja. Il-Papa Ġwann Pawlu II jsemmi wkoll it-tagħlim ta' San Tumas li jgħid: "Meta r-ruħ bid-dnub iġġib diżordni fiha nfisha, diżordni li jwassal biex iwarrab lil Dak li hu l-għan ewlieni tal-bniedem, lil Alla, li miegħu għandu jkun marbut bl-imħabba, id-dnub ikun mejjet; jekk id-diżordni ma jwasslux biex iwarrab lil Alla, id-dnub ikun venjal" (S.T., 11-11, q. 2, a. 5).

Barra dan, jekk inqisu d-dnub mill-kastig li jkun jistħoqqlu, għal San Tumas u għad-Dulluri l-oħra tal-Knisja, id-dnub li mejjet huwa dak, li jekk ma jinħafirx, iwassal għall-kastig ta' dejjem; waqt li d-dnub venjal hu dak li jistħoqqlu biss il-kastig taż-żmien, jiġifieri kastig għal xi żmien li wieħed jista' jpatti għalih f'din id-dinja jew fil-purgatorju.

Il-Papa, mat-Tradizzjoni kollha tal-Knisja solennement jistqarr li **"d-dnub mejjet huwa dak id-dnub li bih il-bniedem, bil-liberta' kollha tiegħu u b'rieda sħiħa, jiċħad lil Alla, lil-liġi tiegħU, u minflok jagħżel lilu nnifsu jew xi ħaġa maħluqa li tintemm, xi ħaġa kontra r-rieda t'Alla"** (R.P. n. 17).

Il-Papa jiċħad dik li ħafna llum qed iseġħulha **"opzjoni fundamentali kontra Alla"** fejn iqisu li hawnhekk biss qiegħed id-dnub mejjet.

IT-TELFIEN TAS-SENS TAD-DNUB

Il-Papa fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu li titkellem dwar ir-Rikonċiljazzjoni u l-Penitenza fil-Missjoni tal-Knisja jiddedika sitt paġni biex jurina kemm il-bniedem tallum tilef is-sens tad-dnub: "Id-dnub ta' żmienna hu t-telfien tas-sens tad-dnub".

Dan ġara prinċipalment minħabba **s-SEKULARIŻMU** — moviment li jħaddan "umaniżmu" li jħalli 'l Alla barra għal kollox. Kawża oħra li qed twassal lill-bniedem biex jitlef is-sens tad-dnub huwa **l-iżbalji li fihom wieħed jaqa' bħala effett ta' xi tagħrif miksub mix-xjenzi dwar il-bniedem.** Fost dawn ix-xenzi l-Papa jsemmi l-psikoloġija, is-soċjoloġija uċerta antropoloġija kulturali.

Kawża oħra li qed twassal biex jintilef is-sens tad-dnub hija dik **l-etika li ġejja minn ċertu "relativiżmu storiċistiku"** fejn ir-regola morali titqies bħala ħaġa relattiva, bla ebda valur assolut. Fl-aħħarnett is sens tad-dnub jintilef jekk wieħed jaħseb li d-dnub hu **biss sentiment ta' ħtija** li jista' jkollox, jew hu biss ksur ta' xi regola jew preċett ta' liġi.

Il-Papa jinnota kif fil-Knisja stess qed jiġri li xi whud għaddew mill-esaġerazzjoni w enfasi żejda fuq il-biża' tal-kastig etern għal predikazzjoni ta' l-imħabba t'Alla li teskludi kull kastig li jiġi mid-dnub. F'dan il-kuntest il-Papa jrid li jkun hemm katekeżi li terġa' tpoġġi f'postu s-sens tad-dnub. Dan għandu jsir billi l-insara kollha jisimgħu b'attenzjoni sħiħa u b'fiduċja kbira t-tagħlim tal-Knisja, li qatt ma tonqos iddawwal il-kuxjenzi.

Issa huwa fid-dmir tagħna li noqogħdu de jem attenti biex ma nħallux is-soċjeta' ta' madwarna tinfluwenzana b'tali mod li ttellifna s-sens tad-dnub. Mill-banda l-oħra huwa ferm importanti li noħolqu equilibriju fil-kuxjenza tagħna bejn il-gravita' tad-dnub il-mejjet u l-Imħabba t'Alla mingħajr ma nħallu li xi waħda minn dawn iġġarraf jew ixxejjen lill-oħra.

Il-Mulej Jagħtikom is-Sliem.

L-Editur

THE FRANCISCAN CYCLE OF PAINTINGS ATTRIBUTED TO GIOTTO AT THE UPPER BASILICA OF ST. FRANCIS OF ASSISI

FRESCO 5: ST. FRANCIS RENOUNCES HIS WORLDLY POSSESSIONS



CRITICAL ANALYSIS

The fresco depicts the saint when he returned all he possessed to his father and, having taken off his clothes, renounced all his father's and indeed, all temporal goods saying to his father: 'Henceforth I can say with confidence. 'Our Father who art in heaven' since I have been cast off by Pietro di Bernardone''. The scene portrays the moment at which Francis. having taken off his clothes, and his nakedness having been covered up by the bishop as best he could, invokes the Eternal Father (only a hand remains of what was probably a symbolic representation of the father in the top centre of the picture) while he is confronted by an irate Pietro di Bernardone, who is held back by one of his retainers. Gnudi maintains that Giotto did not execute the entire fresco himself; some of the heads in Bernardone's suite and possibly also the bishop's head may have been the work of another.

The expressive unity of the figures and of the architectural setting has ben emphasised by many critics.

The central value of the episode, so well indicated by the empty space into which converge the retreating lines of the buildings that serve as stage wings to the scene, depends as much on the perspective as on its moral and historical implications when we realise that Francis's total and definite separation from worldly ties and attachments was the crucial point at which his life as a saint really begins. The crowd is hedged around him, startled and puzzled; Pietro di Bernardone, hardly to be restrained, is rushing angrily at his son, but Francis seems already projected towards a higher dimension, his face inspired and his arms upraised, as if quite unaware of his nakedness which the embarassed Bishop of Assisi is trying his best to cover. In the studied, well-modelled figure of the nude Francis and the thickset, threatening figure of his father there is already the announcement of Giotto's reappreciation of the human figure in a corporal as well as a moral sense.

RELEVANT QUOTATION FROM LEGENDA MAIOR BY SAINT BONAVENTURE

"Si penso' il padre di Francesco, secondo la carne, bench'egli era figluolo di grazia, di menarlo dinanzi al Vescovo della citta, per fargli rifiutare nelle sue mani la eredita' della madre, e che gli rendesse tutte quelle cose ch'egli aveva. E Francesco allegramente fu presto a fare la volonta' del suo padre.

E incontanente adorono dinanzi lo Vescovo, siccome persona desiderosa di poverta temporale, e ivi umile si spoglio' le sue vestimenta e rendelle al padre, rifiutando ogni eredita' temporale di padre o di madre, e eziando ivi si trasse i panni di gamba nella presenza di tutti, gettandoli al padre e dicendo: "Togli, padre, e da ora innanzi potro' dire: Pater noster qui es in coelis, nel quale io ho riposto tutto il mio tesoro, e ho allogata a lui tutta la mia fede e speranza". E fu veduto a Francesco infino allora asprissimo cilicio in sulle carni.

Vedendo cio' il Vescovo molto si maraviglio' di tant caldezza di spirito quanta vide nel servo di Dio Francesco,/ e con riverenza si levo' ritto e ricevettelo nelle sue braccia, ricoprendolo col suo mantello ch'egli aveva addosso, siccome uomo ch'era umile e di buona e santa vita, e comando'che gli fosse recato qualche panno con che egli so coprisse le membra del corpo. Fugli arrecato un mantello povero e vile d'uno lavoratore di terra, famiglo e seirvidore del Vescovo, il quale mantello Francesco ricevette allegramente, e con un poco di calcina si lo segno, colla sua mano a modo di croce, e formollo a modo di crocifisso e di povero mezzo ignudo".

SAN BONAVENTURE 2, 4.

INSCRIPTION OF THE FRESCO

Cum restituit patri omnia et, vestimentis depositis, renuntiavit bonis paternis et mutabilibus, dicens ad patrem: "Amodo secure dicere possum: Pater noster qui es in coelis, cum repudiaverit me Petrus Bernardonis".

PARAPHRASE

After Francis had returned his possessions to to his father, he laid down his clothes. He renounced to the wealth of his father, saying to him, "Now I can certainly say: Our Father who art in heaven, for Petro Bernardone has repudiated me".

DANTE, Paradiso, c. XI, 58 - 63.

.....che per tal donna, giovinetto in guerra
del padre corse, a cui, come a la morte,
la porta del piacer nessun disserra;
e dinanzi a la sua spiritai corte
et coram patre le si fece unito;
poscia di di in di' l-amo' piu forte.

A 19TH CENT. REFERENCE TO THE FRESCO

"Storia di quattordici figure, visibili, distribuite in due gruppi. A destra e' il santo ignudo col volto e le braccia levate al cielo; e coperto alle anche d'un velo, che gli cinge di sue mani il vescovo Guido, che e' dietro il santo presso i due canonici. A sinistra innanzi alle altre figure di spettatori, attoniti. sta sdegnato il padre del santo, sostenendo le vesti del figlio. Due fanciulli campeggiano fra la turba dei riguardanti; in alto appare la mano di Dio, che benedice il santo".

(Dall'inedita "Descrizione del Santuario di San Francesco d'Assisi", 1863 della Commissione Artistica dell Umbria.)

REFERENCE FROM CELANO 1, c. 7

Il nostro atleta ormai si lancia nudo nella lotta contro il nemico nudo; deposto tutto cio' che appartiene al mondo, eccolo occuparsi solo della giustizia divina.

(continued on page 16)

MULEJ, JIEN HAWN

Mulej, jien hawn.
Għadni kif ġejt.
Għal żmien ftit twil
  żammejt 'il bogħod
  'il bogħod mill-merħla tiegħek.
Imma l-ħniena tiegħek
  sejħitli lura.
Ħallejt warajk id-disa' u disgħin l-oħra
  u ġejt biex tfittex lili,
  n-nagħġa l-mitlufa.

Tbiegħedt Mulej.
Tbiegħedt ... mhux għax ma kontx
                inħobbok
  jew għax ma kontx naħseb fik
  iżda xtaqt induq id-dinja.
Rajt kollox sabiħ u jleqq

U llum li doqt minn kollox
  indunajt li l-morr li toffri int
  hu aktar bnin
  mill-ħelu li tati d-dinja.
Fittixt u ma sibt xejn
"Frugħa tal-frugħat u kollox frugħa"

Il-bieraħ stess,meta kont waħdi
  smajt il-vuċi tiegħek
  issejjaħli.
"Ibni ...
Ejja lura.
Tibqax sejjer 'l hemm."

Dak il-leħen għaraftu,
  daħal ġo qalbi.
Naf ċert li ġa kont smajtu drabi qabel.
Imma jien kont mgħobbi wisq bil-ħsibijiet.
Madwari kien hemm wisq storbju w għajjat.
Forsi wkoll ma ridtx nisimgħu.

U issa...
Jiena hawn, Mulej.
Għadni kif ġejt.
U Int mhux biss ilqajtni f'darek
Iżda libbistni libsa sabiħa.
F'sebgħi poġġejt ċurkett tad-deheb.
Kont ħafi iżda Int xiddejtli żarbun ġdid.
Għalija qtilt l-aħjar Ħaruf li kellek,
  lil Ibnek stess,
  il-Ħaruf Divin.

U jien...
  hawn madwar il-mejda tiegħek
  qisni l-prinċep werriet
  minflok l-iben maħrub.
Niekol mill-istess Ħobż tiegħek
  u nixrob l-istess Inbid li hejjew idejk.

Min jien Mulej
  li jistħoqqli dan kollu?
Min jien li ħaqqni l-ħniena tiegħek?
  "Missier dnibt.
Dnibt kontra s-sema
  u kontra tiegħek.
Ma jistħoqqlix aktar nissejjaħ ibnek.
Żommni bħala l-anqas seftur tiegħek."

— ★ — ★ —

Ibni,
  illum fis-sema għandna festa kbira.
L-anġli u l-qaddisin
  flimkien ma' l-erwieħ egħżież tiegħek
  qed jifirħu jarawk lura magħna.
Għalik kont lest li nerġa' niġi
  ħa nissallab mill-ġdid.

Imma issa,
  li ġejt lura,
  li erġajt sirt wieħed minn tiegħi
  għandi bżonn il-ħidma tiegħek.
Ninħtieġek biex tgħinni nġib lura
  lil dawk fost ħutek
  li għadhom 'il bogħod.

— ★ — ★ —

Ħudni Mulej.
Żommni
Agħfasni ma' qalbek.
Tħallini qatt nitbiegħed minn ħarstek.
Użani kif trid Int.

Missierna li Inti fis-smewwiet
Jitqaddes Ismek
Tiġi saltnatek
Ikun li trid Int
  kif fis-sema hekk ukoll fl-art.
Ħobżna ta' kulljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna
  bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina.
U la ddaħħalniex fit-tiġrib
  iżda eħlisna mid-deni

Għax tiegħek hija s-Saltna
  il-Qawwa
  u l-Glorja
  għal dejjem.

Josephus - Paulus

Il-Hidma Appostolika tal-Konfessur fid-Dawl ta' l-Ezortazzjoni Reconciliatio Et Paenitentiae

mill-

Wisq Rev. P. Ġużepp Beneditt Xuereb O.F.M. S.Th.L.

Għoxrin sena ilu twassal għat-tmiem tiegħu l-Konċilju Vatikan it-Tieni, u din il-"ġrajja fundamentali fil-ħajja tal-Knisja moderna" (1), aktar tard din is-sena, se tiġi mfakkra biċ-ċelebrazzjoni ta' Sinodu Straordinarju. Il-għanijiet li għalihom issejjaħ u tlaqqa' l-Konċilju fl żmenijietna nsibuhom miġburin fil-qosor fl-ewwel artiklu tal-Kostituzzjoni Liturġika, **Sacrosanctum Concilium,** Ippromulgata fl-4 ta' Diċembru 1963.

Minn dawn l-għanijiet insemmi biss l-ewwel wieħed, li hu fundamentali: "Il-Konċilju Mqaddes irid ikattar dejjem iżjed il-ħajja nisranija fost il-fidili" (SC n. 1). Il-Konċilju ried li jseħħ aġġornament fil-Knisja moderna, ried jagħtiha arja ġdida, u li jinbidlu dawk l-istituzzjonijiet li jistgħu jinbidlu u jiġu addattati għall-ħtiġijiet taż-żmenijiet tal-lum (ibid.). Imma dan l-aġġornament fehmu, u riedu li jkun, bħala konsegwenza loġika ta' tiġdid, sħiħ u intern, tal-ħajja nisranija; tiġdid li jolqot il-ħajja intima ta' l-insara kollha, u ta' kull nisrani. Fehem li jkun hemm qbil sħiħ bejn il-bidla radikali tal-qalb (metanoia) li jitlob il-Mulej fl-Evanġelju,u l-imġieba tal-ħajja. U biex it-tiġdid ikun sħiħ tabilħaqq jeħtieġ li jolqot mill-qrib kemm il-ħajja privata kif ukoll dik pubblika, ta' dawk kollha li jistqarru li huma dixxipli ta' Kristu. Il-kmand tal-Mulej jibqa' dejjem insistenti: "Indmu, u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1,15).

Il-Poplu ta' Alla għandu ħafna mezzi u ministeri li jistgħu u għandhom iġħinuh biex jasal għal dan it-tiġdid. Imma xi whud minn dawn għandhom prijorità, għax mingħajrhom ma jista' jsir lanqas pass wieħed 'il quddiem, lejn it-tiġdid fil-mentalità, fil-mod kif l-ulied kollha tal-Knisja jaħsbuha u jġibu ruħhom fil-prattika.

Issa bla dubju ta' xejn, fost il-ħafna ministeri li bihom hi mgħammra l-Knisja, dak saċerdotali hu ta' l-akbar ħtieġa, u miegħu hemm marbutin responsabilitajiet kbar tassew. Dan jistqarru wkoll il-Konċilju: "Il-Konċilju Mqaddes jagħraf sewwa li t-tiġdid mixtieq tal-Knisja kollha jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-ministeru tas-Saċerdoti, imqanqal mill-Ispirtu ta' Kristu" (OT n. 1).

U bir-raġun! Għax is-Saċerdoti jkunu jistgħu jaqdu b'ħeġġa w entużjażmu l-ministeru tagħhom kemm-il darba jirċievu l-

(1) Papa Ġwanni Pawlu II, Diskors fil-Bażilika ta' San Pawl, 25 ta' Jannar 1985, fl-Osservatore Romano, ed, Ingliża, 4 ta' Frar 1985, p. 1.

aħjar formazzjoni, fis-sens sħiħ u wiesgħa tal-kelma. Hi din il-formazzjoni li tgħinhom jikkonvinċu ruħhom mill-identita' tagħhom fi ħdan il-Poplu ta' Alla, u tatihom iċ-ċertezza li l-missjoni li huma ġew imsejħin biex jaqdu hi ta' ġid u ta' siwi kbir, kemm għall-Knisja, kif ukoll għas-soċjetà ċivili. Iġġiegħelhom iħossuhom żguri li l-Mulej jaf u japprezza l-isforzi li jagħmlu fil-ħidma tagħhom biex jagħmluha b'effiċjenza u suċċess spiritwali, u dan fost ħafna diffikultajiet minn kull naħa. Hekk huma ma jħossuhomx skuraġġuti quddiem in-nuqqas ta' apprezzament li ħafna juru lejhom fis-soċjeta tagħna, u l-emarġinazzjoni li dan iġib miegħu. Għax illum, meta kibru tant l-industrija, ix-xjenza w it-teknika, l-enfasi qiegħda l-ħin kollu fuq il-produzzjoni, fuq dak li jidher, jinħass u jitkejjel, u jġib profitt finanzjarju! Imma kif kulħadd jaf is-soċerdot jaħdem fi sfera oħra: dik intima u sigrieta, l-isfera tal-kuxjenza. Il-ħidma tiegħu, għalhekk, la tidher u lanqas tista' titkejjel!

Il-formazzjoni tiegħu s-Saċerdot jibda jeħodha sa mis-snin bikrija li jgħix fis-Seminarju, u jeħtieġ li tkun sħiħa, soda u komplita. Imma mbagħad jeħtieġ li tibqa' sejra bla waqfien. Il-għân aħħari tagħha hu li twieżen lis-Saċerdot bil-qawwa tal-virtujiet tal-Fidi, it-Tama u l-Imħabba ħalli jasal għall-għaqda ma' Alla, u wkoll mal-Knisja, li tagħha aċċetta li jkun Ministru. Aktar ma tkun sħiħa din il-għaqda, din il-kommunjoni, aktar is-Saċerdot ikun spiritwalment effiċjenti u konvinċenti fis-servizz li hu jagħti b'imħabba u karita partorali lil ħutu l-bnedmin.

Il-Ministeru tar-Rikonċiljazzjoni

Dak li jingħad b'mod ġenerali għall-ministeru saċerdotali, fil-varjeta' sħiħa tiegħu, igħodd b'mod partikulari għall-ħidma appostolika li jwettaq il-Konfessur fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza. Dan il-ministeru, forsi aktar minn kull ministeru ieħor, hu ta' **challenge** kbir, kemm għas-Saċerdot innifsu, kif ukoll għall-penitenti (2). Għax għad li l-penitenti jersqu minn rajhom biex jirċevuh, u jersqu wkoll b'fiduċja,imma fl-istess ħin, huma u jifthu beraħ il-kuxjenza tagħhom, xi ftit jew wisq iħossuhom maħkumin mill-biżà. Iħossuhom ukoll **touchy,** u għaldaqstant ikunu inqas tolleranti mal-Konfessur waqt il-qrar, milli ma' Saċerdot fil-qadi ta' xi ministeru ieħor. U dan mhux tant għax ikunu jridu, daqskemm għax ikunu xi ftit **uneasy** minħabba l-mistħija, imħawdin minħabba l-piż ta' ħtijiethom, u forsi wkoll imheddin mill-istess kuxjenza tagħhom! Jitfanstu malajr, jitgerrxu u jirreaġixxu kemm-il darba ma jsibux fil-Konfessur, li qed jismagħhom "minflok Alla", dak li qed jistennew minnu. Jafu li l Konfessur hu wkoll bniedem, bit-temperament tiegħu, u wkoll bil-limitazzjonijiet umani u psikoloġiċi tal-karattru tiegħu. U b'danakollu, huma jistennewh li jifhimhom, jagħdirhom, jismagħhom bis-sabar u b'simpatija. Ma jistennew qatt mingħandu l-kundanna, taħt ebda forma tagħha, imma l-fejqan, l-integrazzjoni, is-serenita u l-paċi tal-qalb. Fil-Konfessur huma jfittxu gwida li terġa' tqabbadhom it-triq it-

(2) Ara, **Ten Characteristics of Presidential Style of a Good Confessor,** Archdiocese of Chicago, 1974, p. 1.

tajba, kemm-il darba jkunu tilfuha, jew li jgħinhom fil-mixi tagħhom wara l-Mulej. F'kelma waħda, jistennew għajnuna mingħandu biex jagħmlu l-esperjenza li Alla jħobbhom personalment. Għalhekk, fil-Konfessur iridu jaraw raġel imżejjen bil-kwalitajiet sbieħ li kellu r-Ragħaj it-Tajjeb, li iddeskriva lilu nnifsu bħala li hu ta' qalb ħelwa w umli (Ara, Mt 11,29).

Bħalma jaf kull Konfessur li jqarar, dan mhux ideal faċli! Hu ħafna iktar diffiċli milli wieħed jista' jaħseb. U b'danakollu hu assolutament meħtieġ li kull Saċerdot jimpenja ruħu biex isir jixbaħ mill-qrib lil Kristu, isir nisrani aħjar, u jtejjeb il-qadi tal-ministeru tiegħu. Hekk, barra milli japprofitta hu spiritwalment, ikun qed jagħmel ħafna ġid bis-servizzi li jagħti, u jsalva ċ-elebrazzjoni ta' dan is-Sagrament mill-kriżi li attwalment qiegħed fiha fid-dinja kollha.

Il-Knisja, fil-fatt, minn dejjem saħqet fuq is-Saċerdoti tagħha biex jieħdu bl-akbar serjeta l-kura pastorali. Il-kliem tal-Papa San Girgor huwa magħruf biżżejjed: **Ars artium cura animarum,** l-aqwa arti hija l-kura ta' l-erwieħ (3). U Sant Alfons Marija Dei Liguori idawwar għall-Konfessuri l-kliem li kien iħobb itenni San Piju V, il-papa tar-Riforma Kattolika fis-seklu XVI: "Ħa jkun hawn konfessuri idonei, u kull xorta ta' riforma sseħħ" (4).

Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Eżortazzjoni post-Sinodali tal-Papa Ġwanni Pawlu II, **Reconciliatio et Paenitentiae,** hu mistenni li dan il-ministeru se jkun iżjed fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni tal-Knisja. Din l-Eżortazzjoni hi frott ta' snin twal ta' preparazzjoni qabel is-Sinodu tas-sena 1983, u tad-diskussjonijiet, franki u fraterni, li saru mill-Isqfijiet fil-laqgħat ta' l-istess Sinodu. Għad li ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza ma kienx il-għân ewlieni tas-Sinodu, imma ma setax jonqos li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jidħol u jiġi studjat fit-tul u l-wisgħa kollu biex jidher bħala għajnuna divina u providenzjali biex isseħħ ir-rikonċiljazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha, kemm fil-Knisja kif ukoll fis-soċjeta ta' żmienna (5).

L-enfasi tas-Sinodu

L-Isqfijiet li ħadu sehem fis-Sinodu kollha urew it-tħassib tagħhom dwar il-kriżi li jinsab fiha dan is-sagrament bħalissa. Ippruvaw jindividwaw il-kawżi, u joffru wkoll rimedji. Fost dawn saħqu fuq il-formazzjoni li għandha tingħata lis-Seminaristi matul il-preparazzjoni tagħhom għas-saċerdożju, u l-possibilta għall-Konfessuri li jkomplu jtejbu ċ-ċelebrazzjoni tal-qrar permezz ta' formazzjoni permanenti. Urew il-fehma li l-kwalitajiet u l-attitudnijiet tal-ministru jinfluwenzaw ħafna lill-fidili, naħa jew oħra, waqt li formazzjoni adegwata tisfa ta' ġid għal kulħadd, ibda mill-Konfessuri stess.

Il-mintaw ukoll li s-Saċerdoti stess qed jittraskuraw li jirċievu dan is-Sagrament, u dan ikompli jgħarraq il-qagħda attwali. Għalhekk ħeġġew lill-Konfessuri biex qabel xejn ikunu huma stess penitenti, għax hekk, barra li jagħtu eżempju tajjeb,

(3) San Girgor. **Regula Pastoralis,** I,1 (Pl 77, 14).
(4) Ara, S. Alfons M. De Ligorio, **Praxis Confessarii,** Theologia Moralis, IV, Ruma 1912, p. 527.
(5) Ara, **Instrumentum Laboris, III** Pars.

ikollhom għajnuna mill-aħjar għall-qdusija personali; din il-qdusija hija assolutament meħtieġa biex jamministraw il-Penitenza bi spirtu evanġeliku. Hi l-ħajja ta' penitenza, ta' konverżjoni li ma taqtax, li ssuqhom biex joffru s-servizzi tagħhom lil ħuthom bil-qalb. U dan, mhux biss għax għandhom dritt sagrosant għalih, imma wkoll għax huma, il-Konfessuri, iridu jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fil-proċess ta' tiġdid u rikonċiljazzjoni li qegħdin tant jimpenjaw il-Knisja llum, f'soċjeta' imfarrka middnub. (6)

I adarba l-Knisja għamlitha ċara li "il-qrara sħiħa w individwali bl-assoluzzjoni hija l-mod waħdieni w ordnarju li bih il-fidili jitħabbu ma' Alla u mal-Knisja, ħlief fil-każ ta' impossibilta' fiżika jew morali" (7), għandhom ikunu s-Saċerdoti stess li jħossuhom fid-dmir li jagħtu prijorità liċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza fl-ewwel u t-tieni Rit Liturġiku. Hekk jitrażżnu u jonqsu l-abbużi, li f'xi postijiet saru komuni, li tingħata l-Assoluzzjoni Ġenerali f'każi fejn m'humiex verifikati l-kundizzjonijiet pastorali mitluba mil-liġi kanonika, riformata fid-dawl ta' l-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin (8).

Eku ta' dawn l-interventi nsibuh fl-Eżortazzjoni, fin-numru 29, li fuqu se nibnu dawn ir-riflessjonijiet tagħna. Jinħass ukoll fil-ġest sinifikattiv li għamel il-Papa waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu bil-kanonizzazzjoni tas-Saċerdot Franġiskan Leopoldo Mandic OFM Cap. Ħajtu ma kien fiha xejn straordinarja, imma għaddiha fil-ġabra u l-ħemda tal-konfessjonarju, jaqdi lil Alla u lil ħutu, għal medda ta' iktar minn ħamsin sena!

Nistgħu ngħidu li San Leopardo ħa "l-iqsar triq fost it-toroq kollha li jwasslu għall-ġenna" (9). L-iqsar, imma mhux l-eħfef! Sant'Alfons jikkwota b'approvazzjoni l-kliem ta' l-isqof San Franġisk de Sales li jgħid "Fost il-ministeri kollha, il-ministeru tal-qrar hu l-aktar wieħed kbir, u l-aktar wieħed diffiċli" (10). Fil-qadi ta' dan il-ministeru l-Konfessur jeħtieġ li jħossu f'relazzjoni ta' ħbiberija intima mal-Mulej innifsu l-ewwel. Jifhem ukoll li hu qaddej tal-Knisja, "il-Ministra tal-Fid-(11), li b'fiduċja tafdalu dan il-ministeru. U fl-istess ħin ikun wa" raġel li jaf jissagrifika ruħu għal ħutu, lest li jgħinhom b'imħabba fil-ħtiġijiet umani u spiritwali tagħhom. Il-konfessjonarju, għalhekk, huwa l-post fejn il-Konfessur iwettaq ħidma kbira appostolika, u fl-istess ħin minnu jħeġġeġ lil-fidili għall-ħidma ta' apostolat b'riżq il-Knisja kollha (12).

Il-Konfessur Sagrament ta' Kristu

Il-Mulej Ġesù ġie fostna b'missjoni preċiża: li jsalva l-Poplu tiegħu minn dnubiothom. U bdieha bil-kelmiet: "Indmu, u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1,15; ara, Mt 1,21) Mhux biss

(9) Rossi I.B., ikkwotat minn A. Vermaersh, Theologiae Moralis, III, Ruma, 1958, p. 327.
(10) Op. Cit., p. 536.
(11) Papa Pawlu VI, **Indulgentiarum Doctrina,** n. 8.
(12) "When I was a curate I did more in the confessional to stir and stimulate the lay apostolate in the parish than by other means". Ara, G.E. Noel, **The Path from Rome,** Cork 1968, ikkwotat fil-The Clergy Review, 1972, p. 847.

---

(6) Eżortazzjoni post-Sinodali, **Reconciliatio et Paenitentiae** (RP), n. 2.
(7) Ordni għall-Penitenza, n. 31; ara wkoll Kan. 960.
(8) Kan. 961.

ma tbegħidx mill-midinbin, minkejja kull kritika li kienet issirlu, imma Hu stess kien ifittixhom, jitħabbeb magħhom. Wera ruħu dejjem lest biex igħinhom jaqbdu dik it-triq li tieħu lejn l-hena ta' Dar l-Missier tas-sema. Kellu fiduċja fil-bnedmin, għad li midinbin, u qatt ma qata' jiesu minnhom li setgħu jikkonvertu, iduru lura niedma. Mhux biss Zakkew u l-Maddalena u l-Adultera ikkonvertew, imma anke l-Ħallieli, fl-aħħar minuti ta' ħajtu! Għax Hu miet għall-fidwa tal-kotra, jiġifieri tal-bnedmin midinba, u ta' kull wieħed u waħda minnhom. Meta qam mill-imwiet, mad-don ta' l-Ispiritu s-Santu, lill-Appostli tahom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet. U ried li din is-setgħa fil-Knisja tiegħu tibqa' (13).

It-Tradizzjoni Nisranija fehmet li s-Saċerdot, hu u jiċċelebra s-Sagramenti b'mod speċjali, mhux biss hu mogħmi bis-setgħa u l-awtorita ta' Kristu, imma jagħmlu preżenti, għax hu jaġixxi "in persona Christi". "Ġesu Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem" (Lh 13,8), u s-Saċerdot jagħmlu preżenti, ħaj u attiv, fil-ġemgħa tal-Knisja kullimkien (14). Dan jiġri b'mod li aktar jidher kemm-il darba ss-Saċerdot jimpenja ruħu bl-akbar serjeta biex jitwaħħad mar-Ragħaj it-Tajjeb, u jimita l-attitudnijiet tiegħu kollha (15).

Dan jimpenja aktar u aktar lill-Konfessur. Il-karita u l-ħeġġa pastorali jwassluh mhux biss biex iħoss għall-midinbin, imma wkoll li jagonizza ma' Kristu għad-dnubiet tal-umanita' kollha. Għax iħobb lil ħutu bl-istess imħabba li biha kienet mimlija l-qalb ħelwa u umli tal-Mulej, hu jfittex li jdewwaqhielhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-maħfra sagramentali. Fuq l-eżempju tal-Imgħallem Divin, idawwalhom bid-dawl tal-veritajiet salvifiċi, u jgħinhom jikkumbattu fihom u madwarhom il-qawwa qerrieda tad-dnub. Hu u jiġġudika lil ħutu jfittex li juża dejjem il-kelj tal-ħniena ta' Alla, li hi infinita. Waqt li l-ħażen jiddenunzjah, hu ma jehdiex iferragħ il-balzmu tal-maħfra, iqawwi qalb il-midinbin, u jweżinhom fil-proċess twil u diffiċli tal-konverżjoni. Jipperswadihom li hi biss l-ostinazzjoni fid-dnub li tagħlaq il-bieb għall-ħajja. Il-Mulej juri l-kobor tiegħu filli jħenn u jagħder (16).

Qaddej tal-Knisja

Il-Knisja taf li l-Fundatur tagħha waqqafha bħala "kommunita ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba", u jridha tkun qaddisa. Imma hija taf li "fi ħdanha għandha wkoll il-midinbin, li hi qaddisa, iżda fl-istess ħin dejjem fi ħtieġa ta' purifikazzjoni" (LG n. 8). Il-midinbin, bara li joffendu 'l Alla bl dnublethom, jidorbu wkoll lilha, imma hija ma tieqafx "tgħinhom jikkonvertu bl-Imħabba, bl-eżempju u bit-talb tagħha" (LG n. 11). U din il-ħidma favur il-midinbin, li qiegħda ssir il-ħin kollu, il-Knisja tafdaha b'mod speċjali lill-Konfessuri. Għax huma jiġu f'kuntatt personali, direct, intimu u ħaj mal-fidili, u jridu jkunu huma li jgħaddu lil ħuthom il-karita' ta' Kristu u l-imħabba tagħha ta' Omm.

(13) Ordni għall-Penitenza, n. 18
(14) Ittra lis-Saċerdoti f'Ħamis ix-Xirka, 1979; ara wkoll LG 19.
(15) Mackrell G.F., **A Priest on Private Confession,** The Clergy Review, 1972, pp. 854-855.
(16) Haring B., **Shalom: Peace,** Image Book, ed. 1969, pp. 37-47.

It-tweġiba ta' mħabba li l-Konfessur jixtieq jagħti twasslu biex jagħti mhux biss xi ftit mill-ħin tiegħu, imma lilu nnifsu, billi jirrendi lilu nnifsu **available** għas-smigħ tal-qrar tal-fidili. U biex dan jagħmlu bl-akbar effiċjenza possibbli jimpenja ruħu biex jikseb dawk il-kwalitajiet, umani u spiritwali, li l-Knisja stess tħeġġu għalihom, biex ikun kooperatur doċli mal-Ispirtu s-Santu li l-ħin kollu jaħdem fiha għat-tiġdid tagħha.

Minn hawn l-impenn għal tagħrif sħiħ tat-tagħlim kattoliku kif imwassal mill-Maġisteru tal-Knisja Ilum, u wkoll l-ubbidjenza kollha mħabba għal-liġijiet u d-direttivi tagħha. Hekk tinħarab kull arbitrarjeta', li żgur ittellef il-ġid ta' l-erwieħ. Il-formazzjoni permanenti, għalhekk, aktar minn obbligu tal-liġi kanonika (17) tinħass bħala bżonn. Il-formazzjoni mhux biss iżżomm lis-saċerdot aġġornat u midħla tat-tagħlim veru tal-Knisja, imma wkoll tgħinu biex iħoss magħha, jitma l-ħajja spiritwali tiegħu b'ikel bnin, u jgħix il-messaġġ evanġeliku fil-milja tiegħu. Aktar ma jgħixu bil-qalb, aktar ikollu dehen u għaqal biex igħaddih lill-oħrajn li, illum iktar mill-bieraħ, spiss jinsabu sgwidati, imgarrqin minn ħafna tagħlim fieragħ, sekolariżmu u permissivita esaġerata!

Dak li l-Papa Pawlu VI qal fl-**Humanae Vitae** dwar il-morali taż-żwieġ, igħodd għall-morali evanġelika kollha kemm hi: "Id-duttrina ta' ġid ta' Kristu hi għamla eminenti ta' karita lejn l-erwieħ". Il-Konfessur, għalhekk, hu fid-dmir li b'mod sempliċi w adattat, iwassal it-tagħlim tal-Knisja "mingħajr ebda kliem ambigwu" (18). Din l-attitudni fil-qadi tal-ministeru tiegħu mhux biss isservi bħala eżempju ta' qima leali, interna w esterna, lejn il-Knisja, imma tgħin ukoll bis-sħiħ fit-tiġdid mixtieq fil-qlub ta' l-individwi u tal-Kommunita Ekkleżjali kollha. Kull Konfessur iqis indirizzati personalment lilu l-kliem kollu ħeġġa dwar il-qbil mal-konfessuri l-oħra fid-direzzjoni spiritwali li tingħata u d-direttivi prattiċi li joffru lill-insara. Hekk mhux biss ma tinħoloqx il-konfużjoni li tkompli twassal għat-telfien tas-sens taddnub (19), imma tingħata xhieda qaddisa ta' għaqda, almenu fil-ħwejjeġ essenzjali, bejn il-ministri kollha tal-Knisja. Hekk il-qrar ikun joffri okkażjoni mill-isbaħ għall-għajnuna spiritwali, u għal spinta 'l quddiem f'dik li hi ħajja nisranija aktar impenjata.

Mexxej u Ħabib tal-Penitent

Kulħadd jaqbel li l-Penitenza Sagramentali hi ministeru kbir li permezz tiegħu tasal għandna l-ħniena t'Alla. Il-Mulej ried li dawk li jemmnu fih ma tonqoshom qatt il-għajnuna filġlieda dejjiema bejn il-ħażin u t-tajjeb, bejn id-dnub u l-grazzja.

Il-qrar waqqfu blex il-Knisja tkun żgura mill-farag, mill-fejqan u minn rebħa ċerta fuq l-għadu, li ma jehda qatt idur ma' wliedha (Ara, 1 Pt 5, 8). Hija tħares lejn il-qrar bħala "dinamite bla ħoss" (20) li l-Mulej qiegħed fiha permezz ta' l-Ispirtu s-

(17) Ittra ... 1979; ara kann. 661. 724.
(18) Papa Pawlu VI, **Humanae Vitae,** n. 27.
(19) RP n. 18.
(20) Ara nota 2, **Ten Characteristics**..., p. 1.

Santu, u ma tgħejjiex ixxandar il-għajnuna li dejjem tirċievi minnu. Ix-xhieda li tat fis-seklu XVI, żminijiet mill-aktar diffiċċli għall-ħajja tal-Knisja, tiswa għal-lum ukoll: "L-erwieħ qaddisa kollha huma tal-fehma li, jekk għall-grazzja ta' Alla llum għad hawn tant qdusija fil-Knisja, flimkien ma' tjubija w imġieba ispirata mill-fidi f'Alla, dan fil-biċċa l-kbira nafuh lis-Sagrament tal-Qrar" ([21]).

F'kull għotja tajba Alla jieħu dejjem l-inizjattiva. Imma l-Mulej għażel li jinqeda wkoll bil-bnedmin biex iwettaq il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni ([22]). Fis-Sagrament tal-Qrar il-Konfessur jaqdi missjoni kbira ta' medjazzjoni. Wara Alla, ħafna jiddependi minnu jekk il-grazzja ta' l-indiema tinżilx fil-qiegħ ta' qalb il-penitenti biex twassalhom għall-konverżjoni sħiħa u vera. "Il-kobor kollu ta' dak li hu l-ministru tas-Sagrament tal-Penitenza qiegħed filli jħabbar l-Evanġelu u jkompli l-missoni ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna" ([23]).

Waħda mill-"affarijiet ġodda" ta' l-Evanġelju hi li l-Mulej ta s-setgħa li jaħfru d-dnubiet "lill-bnedmin li setgħu jaqgħu fid-dnub" ([24]). Imma b'danakollu, il-ministru konxju mir-responsabilita tiegħu, jipprova jagħmel minn kollox biex f'idejn l-Ispirtu jkun strument doċli w effiċjenti. Minn hawn l-insistenza tar-Rgħajja tal-Knisja biex il-Konfessur jagħmel ħiltu kollha biex jikkultiva fih dawk il-kwalitajiet li huma neċessarji għall-qadi kemm jista' jkun perfett tal-ministeru afdat lilu. Il-Papa Ġwanni Pawlu jgħid ċar u tond: "Il-Konfessur qatt ma għandu jersaq iqarar nieqes mit-tħejjija meħtieġa jew minn dawk il-kwalitajiet u dawk il-kundizzjonijiet spiritwali u pastorali li jeħtieġulu" ([25]).

Fuq dik li hija formazzjoni intellettwali wieħed qatt ma jista' jinsisti żżejjed, għax "qui ignorat, ignorabitur!". Imma mhux il-waqt li hawn nidħol f'ħafna dettalji, għax kieku ma nispiċċa qatt. Ngħid però, li din il-formazzjoni m'għandhiex tkun limitata, la għat-Teoloġija u anqas u anqas għall-Morali biss! Fl-Eżortazzjoni naqraw: "Barra mill-istudju tat-teoloġija dommatika, morali, spiritwali u pastorali (li kollha flimkien jagħmlu teoloġija waħda), irid jistudja wkoll dawk il-materji li għandhom x'jaqsmu mal-bniedem, mal-metodoloġija tad-djalogu u l-aktar tad-djalogu pastorali, jiġifieri kif għandu jġib ruħu fil-ħidma tiegħu".

F'ċerti każi, l-aktar dawk delikati u forsi wkoll kumplikati, il-Konfessur ikollu bżonn ħafna tad-dawl tax-xjenza, u għaldaqstant il-kwalitajiet intellettwali huma ndispensabbli. Imma hawn ukoll hu jkollu bżonn dawk umani u spiritwali, għax il-penitenti jistennew li jifhimhom u jagħdirhom aktar milli jagħtihom xi lezzjoni dwar it-teoloġija. Wara kollox l-iskop ewlieni tal-qrar hu l-konverżjoni, id-deċiżjoni li l-midneb jitlaq il-ħajja tad-dnub u jdur lejn Alla biex jingħaqad miegħu. Din il-konverżjoni hi frott ta' l-Ispirtu li jaħdem internament, b'sabar kbir u b'saħħa konvinċenti, biex iwassal lill-midneb għall-hena, u bil-ħlewwa

(21) Katekiżmu tal-Konċilju ta' Trentu, 11, n. 42.
(22) Papa Piju XII, Mystici Corporis, n. 42.
(23) RP n. 29.
(24) Ibid.
(25) Ibid.

jwasslu li jkun jixtieq itenni din l-esperjenza ta' ferħ spiritwali. Hawn igħin id-djalogu sinċier u kollu imħabba, u mhux tant xi taħdita xjentifika!

Ir-ritratt tal-Konfessur

Il-Papa jpinġieh hekk lill-Konfessur: "Irid ikun bniedem bil-għaqal, mhux ta' ħafna kliem żejjed, kapaċi jagħraf x'inhu l-bniedem, sod fl-imġieba tiegħu, iżda kollu tjieba u ħlewwa".

Il-għaqal u l-prudenza ma jinkisbux biss mill-istudju talkotba. Dawn id-doni, dawni l-virtujiet, jinkisbu bil-għajnuna tat-talb, jikbru u jitmantnew bil-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, u bil-kontemplazzjoni; jissaħħu bil-għixien ta' ħajja spiritwali intensa. Hi din ix-xhieda li trid tingħata mill-Konfessur hu u jqarar. Immexxi mid-dawl tal-prudenza nisranija jagħraf iwassal il-messaġġ tal-Kelma ta' Alla lil dak il-penitent partikulari li jkun qed jiddjaloga miegħu biex jgħinu. Hu u jisma' l-qrara irid ikollu moħħu ssvelt biex jifhmu, u jara kif jista' jgħinu fiċ-ċirkustanzi tal-mument li insab fihom. L-għaqal jissuġerilu l-aħjar metodu kif jiggwidah fil-mixja wara l-Mulej: jurih dak li għandu jagħmel mal-ewwel, u dak li jeħtieġlu jasal għalih 'il quddiem. Jakkompanjah bis-sabar, u jwieżnu bit-talb u l-eżempju tiegħu stess (26).

Din id-direzzjoni spiritwali trid tingħata bi kliem meqjus u li jiftiehem sewwa. Il-prudenza tgħin lill-Konfessur biex jagħraf tajjeb x'inhu dak li l-penitent ikun jeħtieġ fl-istadju attwali li qiegħed fih, biex jagħraf l-imħabba li Alla għandu għalih u jwieġeb għaliha bil-qalb it-tajba.

Fuq kollox, iżda, jaħrab il-kliem u l-imġieba li jistgħu iweġġgħu, jumiljaw u joffendu l-penitent u s-sentimenti tiegħu. Kbar kemm ikunu kbar id-dnubiet magħmula, il-penitent għandu bżonn, u ġie jfittex, fejqan, ħelsien, kuraġġ, viżjoni ġdida għall-ħajja. Konfessur għaqli u deskret jaf ikun irżin, u jsawwab il-balzmu fuq il-feriti. Il-ftit kliem sempliċi, li jingħad bl-imħabba, jidħol aktar malajr fil-qalb. Jiftakar ukoll fil-liġi tal-gradwalità: fil-ħajja spiritwali nikbru wkoll bil-mod il-mod! Il-proċess talmaturazzjoni spiritwali jieħu ħafna żmien, u l-konfessur la għandu qatt jitlef sabru, u anqas u anqas it-tama (27). Juri dejjem rispett kbir lejn il-kuxjenza tal-penitent, u jfittex li jinfurmahielu bil-għajnuna tat-tagħlim tal-Knisja, u jgħinu jiffurmaha, imma bla qatt jimponi b'saħħa (28).

"Sod fl-imġieba, iżda kollu tjubija u ħlewwa!" Il-ħażin jikxfu u jikkundannah, għax hu kontra l-liġi ta' l-imħabba mgħallma mill-morali evanġelika, imma mal-midneb juri l-istess kompassjoni li Ġesù kien juri mal-midinbin. Waqt li jkun jikkonċelebra s-Sagrament mal-penitent iġiegħlu jħoss li qed jidħol f'kuntatt ħaj mal-Feddej bl-imġieba tiegħu. Fl-applikazzjoni talprinċipji teoloġiċi għandu jkun dejjem immexxi mill-karita pastorali, u l-attitudni tiegħu tkun dik ta' qaddej, u mhux ta' ħakkiem (29).

---

(26) Kelly G., **The Good Confessor,** Dublin 1956, p. 18.
(27) Ibid.
(28) Papa Pawlu VI, **Evangelii Nuntiandi,** n. 80.
(29) Ara nota 15, p. 858.

Il-Papa jisħaq fuq id-djalogu, għax il-konfessjonarju mhux il-post fejn isiru d-dibattiti, u anqas u anqas il-konfronti! Dawn iqajmu "gwerra", u l-gwerra ttellef il-paċi tal-qalb, titfi kull ħeġġa għall-ħajja aħjar. Fi kliemu jkun ċar, kollu ħlewwa u juri li għandu fiduċja fil-penitent; hekk iħossu stmat u fl-istess ħin imbuttat għall-ħajja aħjar. Il-prudenza tgħin lill-Konfessur jiddisponi lilu nnifsu, u wkoll lill-penitent, u l-imħabba vera tissuġġerilu l-kliem u l-ġesti li jgħinuh jiftaħ qalbu beraħ għas-Salvatur. Il-mistoqsijiet prudenti, l-imġieba ferrieħa tal-Konfessur u l-qalb tajba tiegħu żguri li jolqtu l-qalb, u jġiegħluha twieġeb.

Tabilħaqq, dan hu ideal għoli, imma l-Knisja ma tgħejjiex tħeġġeġ lill-ministri tagħha biex jilħquh. Lilhom ukoll tagħmlilhom kuraġġ biex jafdaw fil-grazzja tal-Mulej, u ma jaqtgħux qalbhom. Il-kliem ta' l-Eżortazzjoni għandu jservi ta' għajnuna lill-Konfessuri kollha biex, minn żmien għal żmien, jagħmlu evalwazzjoni bil-kalma tal-mod kif qegħdin iqarru u tal-manjieri tagħhom. Hekk jissaħħu fir-rieda tajba tagħhom, u joffru ħinhom u l-enerġiji tagħhom għall-ġid ta' l-erwieħ. (30)

Ministeru ta' sodisfazzjonijiet kbar

Il-Mulej Ġesù li wiegħed li jħallas imqar l-għoti ta' tazza ilma friska (Ara, Mt 10, 42), żgur li jippremja lill-Konfessur li jiddedika ruħu għall-qadi tal-ministeru tar-rikonċiljazzjoni li, fi kliem il-Papa, "hu wieħed mill-ministeri tas-saċerdot, l-aktar tqal u li jeħtieġu għaqal kbir, ta' ħafna taħbit u ta' responsabilitajiet kbar".

Minn dak li għidna, u iżjed u iżjed mill-esperjenza, wieħed jista' jkollu ħjiel ta' kemm hu impenjattiv il-qrar: li tgħaddi sigħat twal tisma', tisma', tagħti l-pariri, tasal u twassal għal deċiżjonijiet importanti, u dan xi drabi anke b'riskju tiegħu. Għax il-Konfessur hu marbut bis-sigriet tal-qrar, u meta xi drabi, kif jista' jiġri, ikun hemm min jabbuża minn dan, hu qajla jista' jiddefendi lilu nnifsu. Hu ministeru li jitlob sens fin ta' prudenza u responsabilita.

Ikompli jgħid il-Papa: "Hu wkoll wieħed mill-ministeri tas-saċerdot, ministeru li jagħti sodisfazzjonijiet kbar". Kull Konfessur li jħobb il-konfessjonarju jaqbel ma' dan il-kliem, u jħossu inkoraġġut. Fil-fehma tiegħi s-soddisfazzjonijiet li minnhom jitkellem il-Papa qegħdin fil-fatt li l-Konfessur jagħmel l-esperjenza li Alla qed jinqeda bih biex iwettaq il-pjani tiegħu, u jwassal il-Fidwa lill-bnedmin tallum ukoll. Iħoss li hu ministru fidil tal-Kommunita Nisranija, u fuq kollox strument tal-grazzja f'idejn l-Isplrtu s-Santu li bla heda jsawwab l-imħabba tiegħu fil qlub tal-insara ta' rieda tajba. F'kelma waħda, jarah imdaħħal fit-qalba tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni, għax Alla għadu jinqeda bil-bnedmin biex isejjaħ lill-midinbin għall-maħfra w ir-rikonċiljazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u jimliehom bil-ferħ. Jaf li Alla jsostnih, iwieżnu hu u jagħti l-pariri, jagħti direzzjoni spiritwali, u jgħid kliem ta' kuraġġ lil min hu qalbu maqtugħa. Jifraħ, għalhekk, meta jara li qed ikunu ta' ġid spiritwali għal tant nies, tant familji, għaż żgħar u l-kbar, għal ħutu s-Saċerdoti,

(30) RP n. 31.

għar-Reliġjużi u l-Kommunitajiet tagħhom. Il-Konfessur iħoss fih il-"ħerqa għall-knejjes kollha" li minnha jitkellem l-Appostlu (Ara, 2 Kor 11,28).

Il-Konfessur żelanti ma jikkuntentax biss li jagħti l-Assoluzzoni. Hu jaħdem bla heda biex inaqqas il-qawwa qarrieda tad-dnub, li jagħmel ilsir lil min jikkommettih, u biex il-grazzja t'Alla tirbaħ. Għalhekk, huwa wkoll, ixandar il-Kelma, isus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu, iċanfar, iwiddeb, iwissi bis-sabar kollu u bit tagħlim. U dan jagħmlu biex il-bniedem ta' Alla, jiġifieri kull nisrani, ikun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba (Ara, 2 Tim 4,2; 3,1).

Dan, fuq kollox, ifittex is-Saċerdot li jrid ikun qaddej tarrikonċiljazzjoni. U biex jiksbu ma jarahiex bi kbira li jaffronta l-monotonija tal-konfessjonarju, hieni li jagħmel il-ġid u jfejjaq bil-qawwa tal-Mulej innifsu. Hekk hu jagħti s-sehem tiegħu biex isseħħ il-ġustizzja aktar perfetta li l-Mulej jitkellem minnha fl-Evanġelju (Ara, Mt 5,20).

Għeluq

Fit-teorija kull ma hu meħtieġ biex is-Saċerdot jamministra valdament s-Sagrament tal-Qrar hu, li jkollu l-ġurisdizzjoni u l-intenzjoni li jagħmel dak li trid il-Knisja! Imma kulħadd jaf li t-teżi tal-validita tas-Sagrament **ex opere operato,** li fiha jsir biss l-essenzjal li trid il-Knisja, hi waħda ta' emerġenza, u titlob biss kundizzjoni minima. Ma tistax, raġjonevolment, titqies bħala kriterju għall-każi normali u ordinarji.

L-esperjenza tgħallimna wkoll li l-fidili bħal donnhom istintivament jitwarrbu mill-Konfessur li fil-fehma tagħhom mhux mogħni bil-kwalitajiet meħtieġa, jew li mhux denn minħabba l-ħajja li jgħix. Min-naħa tiegħu s-Saċerdot li ma jivvalorizzax biżżejjed is-Sagrament iħoss li m'għandux dritt iħeġġeġ għalih lill-oħrajn. U kliemu jkun iktar jitwemmen jekk ikun imsaħħaħ mix-xhieda.

Fil-konfessjonarju s-Saċerdot jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-misteru tad-dnub u l-qawwa qerrieda tiegħu, imxebbħa mill-Bibbja mal-mewt (Ara, Gen 2,17; Rum 5, 12). Imma jiġi wkoll f'kuntatt ma' Alla li juri tant ħniena mal-bniedem fid-dgħufija tiegħu. Jifhem aħjar kemm hi kbira l-imħabba tal-Missier li ma rahiex bi kbira li biex salva lill-bnedmin ta lil Ibnu għall-mewt, u miegħu tana kollox. Għalhekk hu ma jċekkinx id-dnub, la fih u lanqas fl-oħrajn, u lanqas ma jipprova jiskużah b'raġunijiet psikoloġiċi jew soċjali.

Għad li jaf li Alla, fil-providenza tiegħu ta lill-bnedmin ħafna għajnuniet biex jirbħu d-dnub u dgħufija li jħalli fil-qalb tal-midneb, b'danakollu jħossu dmir tiegħu li joffri kull possibilita biex il-fidili jirċievu s-Sagrament, li mhux biss jagħti grazzji aktar u akbar, imma fuq kollox iċ-ċertezza tal-maħfra.

Fil-konfessjonarju hu jippreżenta ruħu mhux bħala psikoloġista jew psikoterapista, imma bħala "ambaxxatur ta' Kristu" (Ara, 2 Kor 5, 19-20). Jistma x-xjenzi umani, u jużahom ukoll, imma ma jħallix id-djalogu mal-penitent isir jixbaħ lil dak tal-pazjent mat-tabib tiegħu. Il-fidi tgħidlu li l-fejqan u l-integrazzjoni li jrid iwassal għalihom jiġu, mhux mill-analiżi psikika, imma

mill-grazzja ta' Alla. Ifittex li jagħti fiduċja, tama ġdida u imħabba, sens għall-ħajja u direzzjoni ċerta. Jikkonvinċi lill-penitent li Alla mhux biss jistenna minnu li jagħmel it-tajjeb, imma wkoll li jgħinu jagħmlu.

Issa, aktar ma huwa stess jagħmel spiss l-esperjenza talqawwa li tfejjaq tas-Sagrament, meta jiġi ffrekwentat b'regolarita li ma issirx rutina, aktar ikun kapaċi jorjenta tajjeb lil ħutu li tant għandhom bżonn ta' gwida żgura fid-diżorjentament talħajja moderna. Iqajjem fihom il-fiduċja f'Alla li jgħinhom ikunu koerenti fl-imġieba. L-istess Ġesu' għen lil tant midinbin, ibda mill-ewwel Vigarju tiegħu, San Pietru, għadu ħaj u attiv fil-Knisja, l-aktar fiċ-ċelebrazzoni tas-Sagramenti. Hu qal lill-Appostli tiegħu: "Ara, jien magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28,28).

(continued from page 4)

GENERAL COMMENTS

This painting, the most symbolical of Giotto's shows us Francis fighting stark evil with innocent nudity. Francis now puts himself completely in the hands of God by stripping himself of worldly possessions. This would make Francis a worthy disciple of Christ who did the same on the Cross. Already at this stage in his life the youth from Assisi is following in the steps of Christ. Who would have told him that one day, like Christ, he would be marked by the stigmata making him a perfect likeness of his teacher? In the painting Giotto makes the nudity of Francis multi-layered: it is physical, spiritual, psychological, total. It is a sine qua non for Francis who has to start a new life: It is a baptism of self-renunciation.

Giotto in the painting, contrasts the holy nakedness of Francis with the opulent clothing of Bernardone. The painter is definitely on the side of Francis who is in need of worldly poverty before he embarks on a life of the spirit. Hencefort poverty becomes the hallmark of the Franciscan orders.

ZAGHZUGH
QATT HSIBT BIS-SERJETA'
X'SER TAGHMEL B'HAJTEK?
ISSA HUWA L-MUMENT
LI TFITTEX TAGHMEL DAN
QABEL MA JKUN TARD WISQ.
BL-ISKOP LI TINGHATALEK
GHAJNUNA DIRETTA U PERSUNALI
IC-CENTRU
VOKAZZJONIJIET FRANGISKANI
KAPUCCINI
QED JORGANIZZA
"RETREAT SUMMER CAMPS"
FIL-KUNVENT T'GHAWDEX

- Żgħażagħ bejn it-Tnax u l-Erbgħatax il-Sena Mid-9 sal-11 ta' Lulju
- Żgħażagħ bejn l-Erbgħatax u s-Sittax il-Sena Mill-15 sas-17 ta' Lulju
- Żgħażagħ bejn is-Sittax u t-Tmintax il-Sena Mill-20 sat-22 t'Awissu
- Żgħażagħ ta' 'l fuq minn Tmintax il-Sena Mit-12 sat-18 t'Awissu

DAWK IŻ ŻGĦAŻAGĦ LI JIXTIEQU JAGĦMLU ESPERJENZA TA' RTIR MA' ŻGĦAŻAGĦ OĦRA BĦALHOM GĦANDHOM JIKKUNTATTJAW LIL


Fr. Philip Cutajar
Kunvent Tal-Kapuċċini
Kalkara
Tel. 825724

mhux aktar tard mill-5 ta' Lulju.



IL-FIDI FIL-QAWMIEN

Jesmond Micallef, Kapuċċin



Fl-ewwel ittra lil Korinthin, San Pawl jattakka l-pożizzjoni ċentrali ta' dawk li kienu kontrih f'Korintu. Huma kienu qalu li: "Dawk li mietu ma jerġgħux iqumu". U t-tweġiba ta' San Pawl kienet: "Jekk intom tammettu dan u żżommu dan it-twemmin ikun ifisser li Kristu ma rxoxtax u kieku dan hu minnu l-fidi nisranija ma hija fidi xejn". (I Kor. 15, 12-16).

Imma għaliex San Pawl kien tant konvint li t-twemmin fir-reżurrezzjoni ta' Kristu kienet assolutament essenzjali? X'kienu l-valuri u l-veritajiet li hija kienet iżżomm?

Ir-reżurrezzjoni ta' Kristu tipprova erba' fatti kbar li meta wieħed jistudjahom jagħmlu d-differenza sħiħa għall-ħajja tal-bniedem f'din l-art u fil-ħajja l-oħra.

1. Ir-reżurrezzjoni ta' Kristu tipprova li l-verita' hija aktar b'saħħitha mill-gideb. Skond San Ġwann, Ġesu' qal lill-eghdewwa tiegħu: "Iżda issa qegħdin tfittxu li toqtlu lili, bniedem li għedtilkom il-verita' li smajt mingħand Alla. Dan m'għamlux Abraham." (Ġw. 8:40). Ġesu' ġie b'ideja vera ta' Alla u tat-tajjeb. L-eghdewwa tiegħu waslu biex qatluh għaliex huma ma ridux l-ideja tagħhom fuq Alla u ta' x'inhu t-tajjeb jiġu meqruda.

Jiġifieri, kieku l-eghdewwa ta' Ġesu' fl-aħħar irnexxielhom li jeqirduh totalment, dan kien ikun ifisser li l-ħażin hu aqwa mit-tajjeb. Iżda permezz tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt, dan ma seħħx.

2. Ir-reżurrezzjoni tipprova li t-tajjeb huwa aqwa mill-ħażin. Nerġgħu nikkwotaw mill-evanġelju ta' San Ġwann fejn Kristu jgħid lill-eghdewwa tiegħu: "Intom ġejjin minn missierkom li hu x-xitan". (Ġw. 8: 44). Il-forzi li sallbu lil Kristu kienu l-forzi ħżiena, il-forzi tal-ħażen u kieku ma kienx hemm qawmien mill-mewt kieku dawn il-forzi tal-ħażen kienu joħorġu żgur rebbieħa. J.A. Froude, storiku magħruf igħid: "One lesson and only one history may be said to repeat with distinctness that the world is biult with somehow on moral foundations, that in the long run it is well with the good and in the long run with the wicked." Imma kieku ma kienx hemm reżurrezzjoni, kieku l-prinċipju ta' l-ordni morali kien ikun ipperikulat u b'hekk ma konniex inkunu nistgħu niddistingwu bejn att morali tajjeb u att ħażin.

3. Ir-reżurrezzjoni ta' Kristu tipprova li l-imħabba hija aqwa mill-mibegħda. Ġesu' kien l-imħabba ta' Alla nkarnata. Min-naħa l-oħra l-attitudni ta' dawk li waslu biex qatlu lil Ġesu' kienet attitudi motivata kollha kemm hi mill-mibegħda — kienet mibegħda qawwija u tista' għid li baqgħet qawwija sa l-aħħar. B'hekk biddlet l-imħabba li Kristu kellu lejn il-ħajja f'ħażen u f'qawwa ta' Satana. Kieku ma kienx hemm qawmien mill-imwiet dan kien ikun ifisser li l-mibegħda tal-bniedem fl-aħħar mill-aħħar issuperat l-imħabba kbira ta' Alla. Imma r-reżurrezzjoni ta' Kristu mill-imwiet hija trijonf ta' l-imħabba fuq kull ħaġa li l-mibegħda tista' twettaq.

4. Ir-reżurrezzjoni ta' Kristu tipprova li l-ħajja hi aqwa mill-mewt. Kieku Kristu miet u ma qamx, kieku dan kien ikun ifisser li l-mewt tista' tieħu l-aqwa u l-isbaħ ħajja li qatt dehret fuq din l-art. Fi żmien il-gwerra f'ċertu post f'Londra, ġiet organizzata laqgħa ta' ferħ biex in-nies tal-post jiċċelebraw il-ħsad tajjeb li huma kellhom f'dak l-istaġun. Fost ir-rigali, kien hemm mazz żbul. Iżda din il-festa qatt ma saret għax dak in-nhar taċ-ċelebrazzjoni kien hemm ħbit ta' l-għadu mill-għajru li qered għal

kollox il-knisja ċkejkna li kellha tkun iċ-ċentru ta' din il-festa, fejn kellha ssir quddiesa ta' radd il-ħajr bħala ftuħ tal-festa.

Ħafna xhur wara fejn darba kien hemm il-knisja, tela', mingħajr ħadd ma jaf, ħafna żbul li fis-sajf sar qamħ sabiħ u b'saħħtu, kulur id-deheb. Min sab dan il-qamħ għamel ħsieb sabiħ meta qal li l-anqas il-bombi u l-gwerer ma jeqirdu l-ħajja taż-żbula u ż-żerriegħa tagħha. Mela r-reżurrezzjoni hija prova finali li l-ħajja hija aqwa mill-mewt. San Pawl insista li, kieku Kristu ma qamx tassew mill-imwiet, il-messaġġ nisrani kien ikun ibbażat fuq gidba u li dawk li mietu jemmnu fih, mietu f'delużjoni għaliex huma baqgħu jemmnu li l-messaġġ nisrani fih garanzija ta' valuri li huma aqwa minn dawk ta' din id-dinja. "Neħħu r-reżurrezzjoni", qalilna San Pawl "u kissru l-fundament tal-fidi Nisranija".

1 KORINTIN 15:29-34

Hawnhekk San Pawl jinsisti man-nies ta' Korintu li huma m'għandhomx jitħalltu ma' dawk li ma jemmnux fir-reżurrezzjoni għax dan mhuwiex ħlief sinjal ta' injoranza f'Alla. San Pawl jgħid ukoll li għandu mnejn li l-istess dispjaċir jerġa' jdawwar lura lil dawk li nqatgħu mit-triq li twassal għas-salvazzjoni biex huma jerġgħu jsibuha mill-ġdid.

Irridu ngħidu li l-Korintin kienu jemmnu fir-reżurrezzjoni ta' Kristu, imma xi whud minnhom kienu jiċħdu li l-iġsma ta' dawk li jemmnu ma jerġgħux jirxoxtaw fl-aħħar jum. Iżda San Pawl beda biex wera l-inkonsistenza ta' dan il-punt. Jekk il-mejtin ma jqumux, allura hija lloġika li temmen li Kristu qam, għaliex huwa wkoll huwa bniedem b'ġisem ta' bniedem. Li kieku Kristu ma qamx tassew mill-imwiet, il-proklamazzjoni ta' l-Evanġelju mill-appostli u l-aċċettazzjoni tiegħu mill-istess nies ta' Korintu, kienet tkun ħaġa ta' bla sens għaliex is-suġġett tiegħu huwa mejjet u l-oġġett tiegħu huwa mpossibbli.

L-Appostli għalhekk kienu qegħdin jigdbu fuq Alla meta kienu qalu li Kristu tassew irxoxta mill-imwiet. San Pawl jirrepeti din id-dilemma billi jżid igħid li kieku Kristu ma qamx tassew, id-dnubiet tagħhom m'humiex maħfura għaliex teżisti solidarjeta' bejn il-mewt u d-dnub, bejn il-qawmien u r-redenzjoni. Għal dawk l-insara li diġa' mietu, dawn m'għandhomx tama li jakkwistaw glorja eterna. Hekk il-ħajja tagħna nisranija kienet kollha sforzi biex nilħqu l-ferħ u d-dgawdija f'din id-dinja, allura aħna msejknin u nies boloh għaliex Kristu mhux verament qam mill-imwiet. Imma fortunatament Kristu qam tassew u l-ġisem glorjuż tiegħu fil-ġenna huwa prova permanenti li din l-asserzjoni hija minnha.

Kien Adam li ġab il-mewt fid-dinja permezz taddnub. Adam il-ġdid mela, ried li jirbaħ il-mewt. Hekk kif Adam ħa l-ħajja minna lkoll, Kristu jerġa' jagħtiha lura lilna. Aħna, iżda, m'aħniex nesperjenzaw il-qawmien immedjatament, imma nagħmlu dan meta jkun wasal iż-żmien. L-ewwel Kristu nnifsu qam, l-ewwel li jgawdi l-ħajja ġdid u dan kollu hu prova li l-oħrajn li jiġu warajh għad iqumu huma wkoll fl-aħħar jum biex hekk il-membri kollha talġisem tiegħu jkunu mqajmin. Dan ikun l-egħluq taż-żmien ta' issa u l-ftuħ u l-bidu tad-dinja li għad trid tiġi, meta Kristu jiddikjara x-xogħol tiegħu lest, Wara li jkun qered kull oppożizzjoni li ressqet issetgħa tal-ħażen. B'hekk hu jkun jista' jagħti lill-missieru s-saltna li Hu rebaħ. Għaliex hija mniżżla fil-pjan Divin li Kristu nnifsu għad irid isaltan fuq is-saltna tiegħu li hija l-Knisja sakemm l-egħdewwa kollha jċedu. L-aħħar għadu li jinqered tkun il-mewt innifisha.

Ir-rebħa tkun tikkonsisti fil-qawmien finali meta l-Missier jipproklama li kollox huwa suġġett għal Kristu, ibnu, għaliex huwa l-Missier li ta lil Kristu s-setgħa. Imma fl-aħħar ġurnata meta Kristu jsir issultan tal-Ħolqien kollu, hemmhekk huwa jissottometti ruħu lil Missieru. Imbagħad ma jkunx hemm iktar bżonn ta' medjatur. San Pawl joffri żewġ argumenti oħra favur ir-reżurrezzjoni ta' Kristu.

L-EWWEL. Xi pagani miġbuda mid-duttrina tarreżurrezzjoni, ikkonvertew u rċevew il-magħmudija bit-tama li b'hekk huma jingħaqdu fid-dinja l-oħra ma' dawk l-insara mejtin li jiġu minnhom jew li huma ħbieb tagħhom. Iżda San Pawl igħidilna li x'tajjeb joħroġ minn dan kemm-il darba ma kienx hemm il-qawmien mill-mewt ta' Kristu? Mela għaliex jirċievu l-magħmudija jekk l-ebda wieħed minn dawn m'huwa se jqum fl-aħħar jum?

IT-TIENI. Dan l-argument huwa meħud mill-esperjenza tiegħu personali. Għalfejn huwa għandu jpoġġi ħajtu fil-periklu waqt ix-xandir ta' l-Evanġelju, igħid San Pawl, meta dak li huwa stess qiegħed igħallem m'għandu xejn mill-verita'? Għaliex wieħed għandu jgħaddi minn dan il-periklu kollu għal motiv purament uman? Jekk m'hemmx reżurrezzjoni, aħna nistgħu ngħixu l-motto tal-Pagani "Kul, ixrob u kun ferħan". Għalhekk San Pawl iwissi lill-Korintin biex ma jħallux lilhom infushom jiġu nfluwenzati minn tejoriji perikoluż. Kien wieħed pagan stess, il-poeta Menander, li xehed għal din il-verita' meta qal: "Kumpanija ħażina tħassar il-morali tajba. Iż-żmien wasal għalihom biex ineħħu minnhom infushom dawk l-iżbalji u jassimilaw fihom infushom il-verita' nisranija, it-tagħlim nisrani, fil-ħajja tagħhom. Jekk ma jagħmlux dan ħasra tkun għalihom".

MISSJONI TA' MHABBA

Alla bagħat l-anġlu tiegħu
biex iwassal ir-rieda tiegħu lil Marija.

"Sliem għalik,
mimlija bil-grazzja,
il-Mulej miegħek".

Il-missjoni ta' Marija ġiet mis-sema.
Ma għarfitx sew x'kienet tfisser.
Iżda Alla malajr wera x'ried
Minn din il-missjoni
li kellha tieħu din ix-xebba.

"La tibżax, Marija,
għax sibt grazzja quddiem Alla".

Kellha tkun missjoni ta' sottomissjoni.
u mħabba perfetta lejn Alla;
B'rifless ta' mħabba lejn il-proxxmu.

"Hekku, int tikkonċepixxi f'ġufek,
U twelled iben
li ssemmih Ġesu'.
Hu jkun kbir
U jkun imsejjaħ l-Iben ta' l-aktar Għoli
Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David, Missieru,
u saltnatu ma jkollhiex tmiem".

Alla tant għamilhielha ċara il-missjoni tagħha,
li Marija ma setgħetx tgħid le.
Mhux għax ir-rieda tagħha ma kienetx ħielsa;
Iżda għax bid-dawl Divin għarfet
li r-risposta tagħha kellha tkun 'iva'.

"Kif jista' jkun dan,
meta jien ma nagħraf̃x raġel?"

Marija kellha missjoni ta' mħabba.
Marija kellha tagħti lid-dinja l-frott ta' l-imħabba.
Marija kellha twelled l-Iben ta' Alla — l-IMĦABBA.

"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek
U l-qawwa ta' l-Aktar Għoli tgħattik.
Għalhekk it-tifel qaddis li ser jitwieled
jissejjaħ Iben Alla".

Vera li Marija beżgħet
U damet ftit biex twieġeb għall-istedina t'Alla,
Iżda mhux għax ma riedetx tissieħeb m'Alla:
Imma biex turina li s-sehem tagħha
Kien sehem konsapevoli u mhux passiv.
Meta għarfet x'ried Alla minnha
Hija qalet:

"Hekku l-qaddejja tal-Mulej
Ikun minni skond kelmtek".

Tant għarfet Marija l-missjoni tagħha
Li l-kelma 'iva' immeritatilha li tkun Omm Alla.

Ilkoll kemm aħna għandna missjoni:
Alla hu li tahilna.
Kif qed inwieġbu għas-sejħa tiegħu?
Tfixkil, slaleb u tentazzjonijiet jiġu
Iżda jekk l-'iva' tagħna tkun konsapevoli
U ngħixuha
Allura xejn ma jkun jista' jifridna minn Alla
Biex inkomplu nagħtu lid-dinja l-imħabba.
Għax il-missjoni tagħna hi missjoni ta' Mħabba.

Is-sinjal li Alla tana
Biex jurina li hu jrid jagħtina din il-missjoni
Hu sinjal ta' l-ikbar Imħabba.
Għax m'hemmx imħabba akbar minn dik
Li wieħed jagħti ħajtu għal ħaddieħor.
Hu ta ħajtu għalina:
Aħna nagħtu ħajjitna għalih,
Billi nwettqu dak li qalilna
U
jekk, ikun hemm bżonn, inħallu ħajjitna għalih.
Għaliex il-missjoni tagħna hi missjoni ta' Mħabba.

P. Taddew Schembri, Kapp.

MESSAGG FRANĠISKAN

Kristu jgħallem lilkom kif tagħmlu hilitkom !



C. X'GĦAMEL S. FRANĠISK GĦAD-DINJA FIŻIKA

107. Illum, ukoll, Franġisku jgawdi interess universali u ammirazzjoni kbira u mħeġġa. Imma nnies donnhom iridu jfittxuh fl-imgħoddi bħallikieku ħajtu hija xi realta' storika li spiċċat għal dejjem. Dan l-atteġġjament għandu jservi ta' twissija lill-ulied irġiel u nisa tal-Poverello. Dan ifisser li fl-għajnejn ta' dawn li magħhom ngħixu, aħna ma ninkarnawx b'żżejjed il-valuri umani u evanġeliċi li Franġisku wera b'mod tal-għaġeb lin-nies ta' żmienu. Il-Qaddis tagħna ma kkompromettiex ir-responsabbilta' tiegħu; il missjoni tiegħu qdieha bl-akbar ġenerożita' sa l-aħħar u aħna, dixxipli tiegħu, fid dawl u bil-qawwa ta' Kristu, ma għandniex nonqsu minn tagħna. U din l-aħħar rieda tiegħu hu urihielna bmod l-aktar qawwi u ċar f'dak il-mument solenni qabel ma laqa' b'dirgħajh miftuħa l-mewt.

108. Mela ejjew ninxteħtu bil-ferħ f'din l-isfida li hi l-ħidma ta' kuljum u bla heda tal-bini tas-saltna ta' Alla. Il patrijiet għandhom jagħtu ruħhom mill-ġdid għas-servizz dottrinali u pastorali u fuq kollox, fil-perseveranza fil-vokazzjoni Franġiskana! Is-sorijiet għandhom jiġġeddu fl-impenn tagħhom ta' intimita' privileġġjata mal-Mulej fil-vokazzjoni kontemplativa jew attiva! L-aħwa msejħa minn Alla fl-Ordni Franġiskan sekular, jiddedikaw ruħhom mill-ġdid għall-perfezzjoni evanġelika, biex juru l-imħabba t'Alla b'aktar sbuħija fid-dinja!

109. Mela ejjew nagħtu ruħna b'ħeġġa żagħżugħa għall-qdusija li kull nisrani hu msejjaħ għaliha. Mhux biss, iżda, bi spirtu ta' ħlewwa, inħallu l-Mulej jagħmel bina dak li l-vokazzjoni unika tagħna turina li jrid minna; jagħġinna fix-xebħ tal-Missier Serafiku Franġisku. Hekk nagħtu lill-Knisja u lid-dinja ta' llum dak li għandhom il-jedd u d-dritt li jistennew minna: naħdmu bil-perfezzjoni l-kariżma tagħna.

110. U hekk kif il-kariżma tagħna Franġiskan huwa meħtieġ biex issibbaħ id-diversita' tal-ħajja nisranija bil-messaġġ tiegħu, hekk ukoll bi ħdan il-familja franġiskana għandna nżommu d-differenzi speċifiċi tagħna u nservu ta' sinjal tal-vitalita' prodiġjuża ta' l-Ordni kollimkien. Bħal fjuri ta' kull xorta fil-ġnien serafiku, l-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet tagħna bid-differenzi spiritwali tagħhom, għandhom juru l-karizma Franġiskan bil-qawwa u l-ħeffa tal-virtujiet u attivitajiet pastorali.

dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

